**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 9 ta` Marzu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur I. J. Abdilla)**

**Vs**

**Carmelo Attard**
**Keith Attard**
**Marvin Mackay**

**Kump. Nr. 829/2009**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Carmelo (sive Lino) Attard**, detentur tal-karta tal-Identita' nurmu 625431M;

Lil imputat **Keith Attard**, detentur tal-karta tal-Identita' numru 430064M;

Lill-imputat **Marvin Mackay** dententur tal-karta tal-idenitta' numru 563574M;

U akkuzati talli fil-perjodu bejn Marzu u Dicembru 2007, f'dawn il-Gzejjer personalment, u

fil-kaz ta' Carmel Attard u Keith Attard wkoll fil-kapacita' taghhom bhala diretturi tal-kumpanija K&L Attard Company Limited, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejtu b' qerq iehor, ingann jew billi urejtu haga b' ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqalu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qligh b' qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centemzu (€2.329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

2) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprtju ruhkom, billi dawwartu bi profit ghalikom jew ghal-persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejt, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (€2.329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew ikkundinnata lilkom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilkom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghkom jew minhabba depozitu neccessarju.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, intom Carmel sive Lino Attard u Keith Attard wehidkom akkuzati wkoll, talli :

3) Fil-perjodu bejn Marzu u Dicembru 2007, flimkien bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin, sabiex tiksbu xi vantagg u/jew beneficcju ghalikom infuskom u/jew ghall-haddiehor, xjentement ghamiltu jew nqastu milli taghmlu jew ippermettejtu li jsir jew li jonqos li jsir xi att jew xi haga, biex tevadu d-Dazju tas-Sisa, fuq kwantita' ta' sigaretti u tabakk li jammonta ghall- 4,239,955 euro u 101,891 euro rispettivament, if wkoll nqastu milli tirraportaw fiz-zmien preskritt bil-Ligi, l-istess kwantita' ta' sigaretti u tabakk mehlusa ghal-konsum;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, int Marvin MacKay wahdek akkuzat wkoll, talli :

4) Fil-perjodu bejn Marzu u Dicembru 2007, bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xi persuna jew persuni ohra, sabiex tiksbu xi vantagg u/jew beneficcju ghalik innifsek

u/jew ghall-haddiehor, xjentement kien b'xi mod involut fl-evazjoni ta' Dazju tas-Sisa, fuq kwantita' ta' sigaretti mehlusa ghall-konsum, li jammonta ghall- 4,239,955 euro;

Fuq talba tal-Kummissarju tal-Value Added Tax, inthom Carmel sive Lino Attard, Keith attard u Marvin Mackay akkuzati wkoll talli :

5) Fil-perjodu bejn Marzu u Dicembru 2007, flimkien bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin sabiex tiksbu xi vantagg u/jew beneficcju ghalikom infuskom u/jew ghall-haddiehor, xjentement ghamiltu jew nqastu milli taghmlu jew ippremettejtu li jsir jew li jonqos li jsir xi att jew xi haga, biex tevadu d-Dazju tas-Sisa, fuq kwantita' ta' sigaretti u tabakk, li jammonta ghall-4,239,955 euro u 101,891 rispettivament, kif wkoll nqastu milli tirraportaw fiz-zmien preskritt bil-Ligi, l-istess kwantita' ta' sigaretti u tabakk mehlusa ghall-konsum;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha ezebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri kollha esebiti.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f’Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali (ara *folio* 237) u l-kunsens ta` l-imputati (ara udjenza 10/12/2014 a folio 385) sabiex din il-kawza tissokta u tigi deciza bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat;**

Illi x-xhieda u l-provi principali mressqa f'dan il-procediment kienu, fil-qosor, is-segwenti.

**L-ispettur Ian Abdilla xehed nhar il-27 ta' Novembru 2009 (a fol. 17)** u dan ikkonferma li bhala importaturi tat-tabakk hemm erbgha kumpaniji gewwa Malta u kullhadd jixtri minghandhom. Kumpaniji ohra li jkunu jbieghu it-tabakk jahdmu b'wahda minn zewg sistemi, jew ihallsu il-valur komplut inkluz l-excise duty lil wiehed minn dawn l-erbgha kumpaniji, jew inkella ihallsu biss il-valur tas-sigaretti u t-taxxa u excise duty tithallas fl-ahhar ta' kull xahar milli jkunu gabru mill-bejgh. Irrizulta fis-sistema tad-dwana li s-socjeta K&L Attard kienet ilha ma taghmel il-hlasijiet necessarji tad-dazju u taxxa ghal-perjodu ta' madwar 9 xhur meta l-Ufficjali tad-Dwana ndunaw bid-diskrepanza. Kienet saret inspection mill-ufficjali tad-Dwana fl-ufficini u l-imhazen ta' K&L Attard, kemm il-Hamrun kif wkoll tal-belt. Irrizulta mill-inspection li fl-istores ta' K&L Attard ma kienx hemm l-ammont li d-dwana kellha informazzjoni li xtraw minghand l-erba' suppliers imma kien hemm ferm inqas.

Spjega li s-sistema mad-dwana tahdem permezz ta' dokument li jissejjah Internal Administrative Accompany Document, IAAD fejn din bazikament hija dokument li meta issir ordni minn xi wiehed minn dawn il-wholesalers bhal ma kien K&L Attard minn wiehed mill-erba suppliers u cioe' BAT, Interbrand, Charles Grech, u Arrigo Group, timtela il-formula u jkun hemm kopja ghand is-supplier, kopja ghand il-wholesaler u l-ahhar kopja tmur il-Customs. Sabiex jigi kkonfermat il-veracita' ta' tali dokumenti rrizulta li kollha kellhom it-timbru ta' K&L Attard fuqhom u s-signature wkoll. Il-maggoranza tal-firem kienu ta' certu Marvin Mackay li rrizulta li kien impjegat ta' K&L Attard. Sar reconciliation tad-dokumenti kollha relatati ma K&L Attard u rrizulta li kien hemm diskrepanza grossa bejn l-ordnijiet u l-konfermi tal-istess K&L Attard u ghalhekk kien fit-30 ta' Dicembru li gie arrestat Marvin Mackay.

Kienu gew mitkellma rapprezentanti ta' BAT, Charles Grech, Arrigo Group of Companies u Interbrand fejn dawn effettivament kkonfermaw minn naha taghhom li ma setax ikun li l-ordnijiet u d-deliveries saru kollha minghajr il-kunsens ta' Attard u saru minn Marvin Mackay biss minhabba diversi ragunijiet. Irrizulta li Keith Attard kien jaf bil-problema u bil-pendenzi dovuti lid-Dwana pero mhux l-ammont komplut waqt illi Carmelo Attard ma kienx jaf ezattament x'inhu jigri fl-andament tal-kumpanija. Wara dawn ir-rizultanzi

spjegati, l-Ufficjali tad-Dwana kienu hadu kopja ta' IAAD's kollha minghand l-erba' suppliers u hadu wkoll d-dokumenti kollha ta' K&L Attard. Mir-ricerki ta` tali dokumenti indunaw li mill-iskemi u mil-mod ta' kif kien qed jixtri Attard bil-VAT, irrizulta li bejn Marzu u Dicembru 2007 irduppjaw l-ordnijiet u l-ammont li kienu jixtru waqt li ta' dan l-imputati Attard ma kienux f'pozizzjoni li jaghtu spjegazzjoni u ghalhekk finalment iddecieda li jressaq lit-tali imputati.

Kompla billi spjega li mir-ricerka li ghamel sab li l-pagamenti saru kollha minn bank drafts fejn effettivament kien imur Marvin Mackay il-bank jordnahhom hu ghan-nom ta' Attard. Temm ix-xhieda tieghu billi pprezenta kopja tal-istqarrijiet tal-imputati kollha a fol. 27 sa fol. 40.

**Paul Scicluna, fit-13 ta' Novembru 2009 a fol. 41,** xehed li kien hu li ffirma u baghat il-letter to prosecute ghan-nom tal-kummissarju tal-VAT.

**Martin Debattista, fit-13 ta' Novembru 2009 a fol. 45,** xehed li kien hu li ffirma u baghat il-letter to prosecute ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana.

**Xehed Mark Borg a fol. 51 bhala spettur tad-Dwana Taqsima ta' Sisa** fejn spjega li l-kumpanija K&L Attard kienet awtorizzata li tahdem fil-qasam tas-sigaretti u kienet awtorizzata li fil-mahzen taghha, setghet izzomm sigaretti li dazju fuqu kien ghadu ma thallas sakemm dawn johorgu ghal-konsum lokali. Ix-xhud spjega li K&L Attard kienu wholesalers u mhux importaturi waqt li fil-verita kien hemm biss 4 importaturi kif spjegat fix-xhieda tal-ispettur Abdilla. Ix-xhud spjega s-sistema tal-Internal Administrative Accompanying Document (IAAD) u l-fatt li jkun hemm tlett kopji waqt li kopja tat-tielet folja li tkun iffirmata kemm mis-seller kif wkoll minn min jircieviha tintbaghat mis-seller ghal-Awtorita' tad-Dwana. Ix-xhud spjega li kien hu personalment li rreveda id-dokumenti ta' IAAD u ghalhekk kien hu wkoll li kkalkula kemm kien iddahhal prodott fil-mahzen ta' K&L Attard a bazi ta l-istess dokumentazzjoni. Ix-xhud ezebixxa wkoll fl-istess rapport, sensiela ta' dokumenti mmarkati Dok. D li taw spjegazzjoni tal-hlasijiet li effettivament kienu saru minn K&L Attard. Il-valur li thallas a bazi ta' Dok. D giet imnaqqsa mill-valur originali kkalkulat a bazi tal-IAAD. Wara li saru il-kalkoli rrizulta li suppost a bazi tad-dokumentazzjoni K&L Attard suppost kellha kwazi 40 miljun sigarett fil-mahzen mentri fil-verita kien hemm biss ftit eluf. Wara li rrizultaw dawn id-diskrepanzi kollha ittiehdet id-

decizjoni li giet notifikata lill-importaturi kollha tas-sigaretti u tat-tabakk biex il-kumpanija tieqaf tibbenifika mid-Duty suspension u ghalhekk thallas dejjem is-Sisa u t-taxxa immedjatament mal-konsenja.

Wara tali decizjoni sar meeting fl-ufficju ta' Albert Scerri fit-28 ta' Dicembru fejn kien hemm prezenti l-imputati Attard u intalbu jispjegaw fejn hu l-istokk. Huma sostnew li l-valur dovut kellu jkun ta' madwar Lm600,000 u sostnew li r-restanti valur kien tort ta' certu Mackay li kien jahdem maghhom u ffrodahhom. Sostnew li ma kellhomx sigaretti fil-mahzen li gie wkoll konfermat fl-istess gurnata permezz ta' On site visit.

Dakinhar stess kienu marru wara gewwa il-hanut ta` K&L Attard gewwa St. Paul`s Street, il-Belt u elevaw madwar 59 kaxxa tas-sigaretti. Minkejja li l-imputati Attard sostnew li hafna mill-merca ma kinitx waslet ghandhom u ma kellhomx x'jaqsmu huma, rrizulta li kien hemm it-timbru kif wkoll il-firma ta' rapprezentant tal-kumpanija fuq kull dokument tal-IAAD prezenti.

In sostenn tax-xhieda tieghu Mark Borg esebixxa sensiela ta` dokumenti mmarkati minn Dok 8 sa Dok 11. Dawn huma centrali ghall-kaz in dizamina stante li fuq dawn jistrieh principalment il-kaz tal-prosekuzzjoni.

**Mark Borg riprodott a fol. 63** ikkonferma li mid-data ta' meta bdiet l-investigazzjoni sad-data ta' meta ta' x-xhieda tieghu fil-11 ta' Dicembru 2009 minkejja li l-imputati Attard accettaw ir-responsabbilita' ghal-parti mill-ammont, ma rrizultax li kien sar xi pagament mill-imputati minn wara ma nfethu il-proceduri odjerni.

**Xehed Albert Scerri fil-11 ta' Dicembru 2009 a fol. 68** fejn spjega li xogholu huwa Assistent Direttur, Customs Department. Spjega li fil-24 ta' Dicembru 2007 kien gie avvicinat minn Carmel Camilleri u Mark Borg kollegi mis-sezzjoni Excise fejn spjegawlu li waqqfu lill-K&L Attard milli joperaw minhabba li bdew jsibu xi diskrepanzi meta marru biex iqabblu il-valuri u ammonti ddikjarati. Ix-xhud baghat ghas-sur Keith Attard sabiex jispjega s-sitwazzjoni fit-28/12 u fil-laqgha li saret Keith Attard sostna li l-valur dovut ma kienx dak li stqarrew izda fl-opinjoni tal-imputat Keith Attard il-valur kellu jammonta ghal-madwar sitt mitt elf lira. Inizjalment l-imputati Keith Attard sostna li ghandu ammont sostanzjali tal-istokk gol-mahzen u li kien qieghed jixtri kwantitajiet kbar sempliciment sabiex ikun jista

jiehu xi bonuses li tawh is-suppliers. Wara dan id-diskors ix-xhud spjega li kien ser ikollhom imorru il-mahzen u jiehdu is-sigaretti li hemm, u kien propju f'dal punt li l-imputat Keith Attard ammetta li ma kienx veru li kellu mahzen mimli u li fil-verita' kull ma kellu fil-mahzen kien ftit pakketti tat-tabakk. Ix-xhud spjega li Keith Attard qal li t-timbru tal-kumpanija kien izommha f'kexxun imsakkra u kien itiha biss lil Marvin Mackay meta kien ser imur jigbor ix-xoghol. Ix-xhud sostna li kien hemm hafna inkonsistenzi fl-istorja ta' Keith Attard u li meta huwa sejjah lil Marvin Mackay fl-ufficcju tieghu, dan ma tantx tkellem u ma zvela xejn hlief qal li kien vera li kien qieghed jiehu xi xoghol hu. Wara li kkonferma minn naha tieghu li kien kaz ta' frodi ghamel kuntatt mal-pulizija fejn sar rapport sabiex ikunu jistghu imexxu il-pulizija fuq il-kaz. Ix-xhud sostna li l-importaturi kollha qalu li l-ordnijiet kienu jsiru telefonikament minn Keith Attard waqt li l-ordnijiet kienu jingabru minn Marvin Mackay. Ix-xhud kkonferma li mid-data tar-rapport sad-data tal-istqarrija tieghu ma kienu thallsu xejn.

**Xehed Arthur Ciantar fil-27 ta' Jannar 2010 a fol. 83** fejn spjega li huwa kien il-Manager tal-kumpanija Charles Grech and Co. Fejn hu jiehu hsieb id-Duty free sales. Ix-xhud spjega li normalment Keith Attard kien jaghmel l-ordni, tigi pprocessata, jsiru l-IAAD's u naturalment l-invoices u mbaghad kien imur jigbor l-ordni is-sur Mackay fejn kien ukoll ihallas, jigbor id-dokumenti u mbaghad imur jigbor ix-xoghol minn gol-warehouse. Spjega li l-pagamenti kienu jsiru il-maggor parti fi flus kontanti pero sostna li mhux l-ewwel darba li l-hlas kien isir ukoll permezz ta' cekkijiet. Ix-xhud ezebixxa kopja tat-transaction history li tkopri il-perjodu 14$^{th}$ March 2007 sa 17$^{th}$ December 2007 u t-transazzjonijiet li saru bejn il-kumpanija Charles Grech Ltd u il-kumpanija K&L Attard Company Ltd. Kkonferma li l-kumpanija Charles Grech Ltd ma ghadx ghandha tiehu flus minghand K&L Attard Ltd.

**Xehed Rowey Portanier fis-27 ta' Jannar 2010 a fol. 92** fejn spjega li huwa jigi dispatch officer mal-kumpanija British American Tobacco. Dan kkonferma li l-ordnijiet kienu jsiru minn Keith Attard tant li mhux l-ewwel darba cempel ukoll mill-mobile personali u l-kuntatt li kellhom kien mieghu minhabba li Lino kien regolarment assenti. Ix-xhud spjega li l-kumpanija kellha diversi problemi finanzjarji ma' K&L Attard Ltd u ghalhekk kienu jaccettaw biss bank drafts. Ix-xhud spjega li hu kien jiehu hsieb il-bonus scheme u cioe jekk il-klijentela jilhqu il-bejgh ta' certu ammont ta' sigaretti, jkollhom offerta u jiehdu xi pakketti b'xejn bhala premju. Ix-xhud spjega li ma K&L Attard Ltd kienu jahdmu wkoll bis-

sistema tal-bonuses u ghalhekk kienu jiehdu diversi sigaretti b'xejn kif indikat a fol. 100.

**Xehed Jean Claude Chetcuti fil-27 ta' Jannar 2010 a fol. 101** bhala rapprezentant tal-kumpanija Interbrands Ltd. Dan ikkonferma li l-kumpanija K&L Attard Ltd kienet tikkwalifika taht is-sistema ta' IAAD's u kienu jahdmu maghhom hekk. Ix-xhud spjega li l-ordnijiet kienu jsiru minn Keith Attard, generalment mas-segretarja pero mhux l-ewwel darba li l-imputat Keith Attard ordna direttament minghand x-xhud. Il-pagamenti generalment kienu jsiru permezz ta' bank drafts jew permezz ta' cekkijiet bankarji mill-BOV jew HSBC. Il-pick up tal-konsenja tas-sigaretti il-maggor parti kienet ssir minn Marvin Mackay. Ikkonferma li ma kienx ghad hemm pagamenti pendenti minn K&L Attard Ltd meta inbdew il-proceduri odjerni. Ix-xhud ikkonferma wkoll numru sostanzjali ta' IAADs li jappartjenu ghall-kumpanija u gharaf ukoll il-firma ta' Nicky Cachia li hija s-segretarja tal-kumpanija li tohrog dawn id-dokumenti.

Il-Qorti rat *a folio* 151 ta` l-atti processwali l-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta` K&L Attard Co. Limited bin-numru ta` registrazzjoni C12030.

**Xehed Joseph Galea a fol. 226** ghan-nom ta' N. Arrigo Ltd bhala wiehed mid-diretturi tal-kumpanija u li jiehu hsieb kwistjonijiet finanzjarji. Spjega li huma bhala importaturi li jahdmu bil-bonded stores kellhom facilita' li jbieghu prodotti qabel ma jithallas id-dazju u dan jaqa bhala obbligu fuq min jircievi l-konsenja li jrid ikun wholesaler li jibbenfika mis-sistema tal-bonded stores ukoll. Ix-xhud spjega s-sistema tal-IAADs fejn id-dokumentazjoni mehtiega mid-dwana timtela sabiex ikun jista jsir transfer tal-prodott. Ix-xhud gharaf il-firem fuq l-IAADs prezentati fil-process anness ma Dokument numru 10 bhala firem tal-impjegati tal-kumpanija N. Arrigo Ltd.

**Xehed Herbert Galea fil-13 ta' Lulju 2012 a fol. 270** fejn spjega li huwa jahdem bhala sales person ma M.N. Arrigo. Kkonfrema li minn naha tieghu x-xhud dejjem ha l-ordnijiet minghand Keith Attard u sostna li qatt ma kien hemm drabi fejn ordna Marvin McKay.

**Xehed Mark Borg fis- 16 ta' Mejju 2018 a fol. 440** fuq il-kariga li kellu mad-Dwana sezzjoni tas-SISA. Spjega li hu kien jiehu hsieb l-assessment tal-operat ta' K&L Attard Ltd. Spjega li din il-kumpanija kellha l-awtorizzazzjoni li topera mahzen tas-SISA tax warehouse. Spjega li l-imputati accettaw it-tort ghal-parti mill-istock li gie ddikjarat li

kellhom u gabu wkoll dokumenti tal-IAAD sabiex jissustanzjaw l-argument taghhom pero meta gew affacjati bl-IAADs l-ohra li kellhom diga d-dwana li rnexxielhom jiksbu minghand s-suppliers, l-imputati Attard irrifjutaw li kienu huma responsabbli. Ix-xhud kkonferma li l-kumpanija kellha xi forma ta' garanzija minhabba li kull mahzen tas-SISA huwa obbligat li jkollu din t-tip ta' garanzija pero x-xhud ma kienx jaf bl-ammont ta' tali garanzija.

Gie mehud kont tar-rapporti mmarkati bhala dok 20 (rapport dwar l-assi ta` Carmelo Attard), dok 21 (rapport dwar l-assi ta` Keith Attard), dok 22 (rapport dwar l-assi ta` Marvin Mackay), u dok 24 (rapport dwar l-assi tas-socjeta K&L Attard Co. Limited C12030)

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-procediment.

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-mori tal-kawza, propju fis-27 ta` April 2016, l-imputat **Carmelo sive Lino Attard kien miet**. Gie pprezentat ic-**certifikat tal-mewt relattiv bin-numru 1328/2016**, li jinsab a folios 430 u 433.

Ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda dan l-imputat, il-procediment fil-konfront tieghu jigi meqjus bhala estint, u konsegwentement il-Qorti tieqaf tiehu konjizzjoni tal-atti fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi ghal dak li jirrigwarda z-zewg imputati l-ohra, **Keith Attard u Marvin Mackay**, l-Qorti qieset fid-dettal ir-rizultanzi processwali. U minn tali rizultanzi rrizulta a sodisfazzjon tal-ligi illi bejn Marzu u Dicembru 2007, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti, anki jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, u flimkien, l-imputati b'ingann iffrodaw u gew li ghamlu qliegh b'qerq ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta f'somma kbira li teccedi l-€2,329.37.

Keith Attard, fl-istess zmien indikat, kien xjentement involut fl-evazjoni tat-taxxa – dazju u

sisa – fuq kwantita` ta` sigaretti u tabakk. L-istess ghamel l-imputat Marvin Mackay, li kien jahdem mas-socjeta` K&L Attard Co. Limited C12030 u fil-qrib ma l-imputat l-iehor Keith Attard. Ghall-kommissjoni tar-reati intuzat ukoll is-socjeta` msemmija. Il-provi juru li t-tnejn li huma, xjentement, kienu jikkoperaw ma xulxin fl-ghemil taghhom biex jevadu t-taxxa. L-imputati kienu jafu x'qed jaghmlu u l-provi juru li effettivament riedu jaghmlu dak li ghamlu. L-evidenza mressqa f'dan il-procediment gabet liz-zewg imputati Keith Attard u Marvin Mackay passabbli ghar-reati kollha kif addebitati kontra taghhom hlief ghar-reat ta` approppriazzjoni indebita kif migjub fil-paragrafu numru (2). Dan ir-reat ma jirrizultax mill-provi mressqa; apparti l-konsiderazzjoni li dan ir-reat ikun inghata bhala alternattiv ghal dak ta` frodi.

In tema ta` piena l-Qorti tinnota li fir-*rinvio a giudizio* tieghu, l-Avukat Generali ma invokax l-Artikoli 23A u 23B tal-Kapitolu 9 u lanqas l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Decide;**

**GHAL DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294, 308, 309, 310, 289, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 62(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2), u paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 16(1)(i)(j)(n) u 16(2) tal-Kap 382, u l-Artikolu 80 ta` l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXII ta` l-1998), tiddisponi mill-kawza bil-mod segwenti :

A. Tiddikjara, fil-konfront ta` l-imputat Carmelo sive Lino Attard, minhabba li huwa miet, Procediment Estint;

B. Tiddikjara lil Keith Attard u lil Marvin Mackay mhux hatja tat-tieni (2) imputazzjoni (dik ta` approppriazzjoni indebita) u minnha tilliberahom skond il-ligi;

C. Tiddikjara lil Keith Attard u lil Marvin Mackay, hatja ta` l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif migjuba kontra taghhom u tikkundannahom :

Lil **Keith Attard** – ghal (15) hmistax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u **multa komplessiva ta` €13,025,538**, li terz minnha ossia €4,341,846 huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur

Generali (Dwana); il-bilanc ghandu jithallas skond il-ligi.

Lil **Marvin Mackay** – ghal (15) hmistax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u **multa komplessiva ta` €12,719,865**, li terz minnha ossia €4,239,955 huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur Generali (Dwana); il-bilanc ghandu jithallas skond il-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hatja, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet taghhom naxxenti minn din is-sanzjoni.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikoli 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti tordna lil Keith Attard u lil Marvin Mackay, in solidum, ihallsu l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta` Dr. Joe Mifsud in konnessjoni mar-rapporti esebiti bhala dok 20, 21, 22 u 24.

Tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lil :

Registratur/Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali/Civili
Kummissarju tat-Taxxi
Direttur Generali (Dwana)
Asset Recovery Bureau

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur